


Linji Gwida

dwar depożiti fil-livell ta' konsumatur soġġetti għal flussi 'l barra differenti għal fini ta' rapportar tal-likwidità skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013, dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital – CRR)



Linji Gwida dwar depożiti fil-livell ta' konsumatur soġġetti għal flussi 'l barra differenti għal fini ta' rapportar tal-likwidità skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013, dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital – CRR)

Werrej

1. Linji Gwida tal-EBA dwar depożiti fil-livell ta' konsumatur soġġetti għal flussi 'l barra differenti għal fini ta' rapportar tal-likwidità skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 (ir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital – CRR)	3
Titolu I – <i>Ratione materiae</i> , kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet	5
Titolu II – Gwida dwar l-identifikazzjoni ta' prodotti ta' depożiti fil-livell ta' konsumatur soġġetti għal flussi 'l barra ogħla	5
Titolu III – Dispożizzjonijiet finali u implimentazzjoni	10

1. Linji Gwida tal-EBA dwar depożiti fil-livell ta' konsumatur soġġetti għal flussi 'l barra differenti għal fini ta' rapportar tal-likwidità skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 (ir-Regolament dwar ir-Rekwiżiti ta' Kapital – CRR)

Status ta' dawn il-Linji Gwida

1. Dan id-dokument fih linji gwida mañruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ir-Regolament dwar l-EBA). Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament dwar l-EBA, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji jridu jagħmlu kull sforz biex jikkonformaw ma' dawk il-linji gwida.
2. Il-linji gwida jstabbilixxu l-fehma tal-EBA dwar Prattiki Superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea tas-Superviżuri Finanzjarji jew dwar kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-EBA għaldaqstant tistenna li l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji kollha, li l-linji gwida huma indirizzati għalihom, jikkonformaw magħhom. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma prinċipalment diretti lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti tar-rapportar

3. Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament dwar l-EBA, l-awtoritajiet kompetenti jridu jinnotifikaw lill-EBA jekk humiex konformi jew jekk humiex beħsiebhom jikkonformaw ma' dawn il-linji gwida, jew inkella bir-raġunijiet għan-nonkonformità, sas-06.02.2014. Jekk ma ssir l-ebda notifika sa din l-iskadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jitqiesu mill-EBA bħala nonkonformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu billi tiġi sottomessa l-formola pprovduta fit-Taqsima 5 fuq compliance@eba.europa.eu bir-referenza "EBA/GL/2013/01". In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni b'awtorità xierqa li jirrapportaw konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom.
4. In-notifiki se jiġu ppubblikati fuq il-websajt tal-EBA, skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament dwar l-EBA.

Werrej

Titolu I – *Ratione materiae*, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet **Error! Bookmark not defined.**

Titolu II – Gwida dwar l-identifikazzjoni ta' prodotti ta' depożiti fil-livell ta' konsumatur soġġetti għal flussi 'l barra ogħla **Error! Bookmark not defined.**

Titolu III – Dispożizzjonijiet finali u implimentazzjoni **Error! Bookmark not defined.**

Titolu I – *Ratione materiae*, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

Skont l-Artikolu 421(3) CRR, dawn il-Linji Gwida għandhom il-ħsieb li jarmonizzaw il-kriterji għall-identifikazzjoni u l-klassifikazzjoni tad-depożiti fil-livell ta' konsumatur soġġetti għal flussi 'l barra differenti minn dawk speċifikati fl-Artikolu 421(1) u (2) CRR bħala minimu, kif ukoll il-kriterji li jiddefinixxu dawn il-prodotti għal fini ta' rapportar tal-likwidità. Għalhekk, il-kamp ta' applikazzjoni ta' dawn il-LG jiffoka fuq id-depożiti soġġetti għal flussi 'l barra ogħla.

Dawn il-Linji Gwida huma applikabbli għar-rekwiżiti ta' likwidità uniċi jew ikkonsolidati tal-istituzzjonijiet skont il-Parti Wieħed, it-Titolu II CRR.

Il-kamp ta' applikazzjoni tal-LG ikopri d-depożiti fil-livell ta' konsumatur kollha skont l-Artikolu 421 CRR, inklużi depożiti li jissodisfaw il-kundizzjonijiet speċifikati fl-Artikolu 421(1), jiġifieri, dawk li huma koperti minn skema ta' garanzija tad-depożiti u li jew ikunu parti minn relazzjoni stabbilita jew inkella dawk miżmuma f'kontijiet ta' transazzjoni, li juru kriterji marbuta ma' flussi 'l barra ogħla.

Titolu II – Gwida dwar l-identifikazzjoni ta' prodotti ta' depożiti fil-livell ta' konsumatur soġġetti għal flussi 'l barra ogħla

Parti 1 – Kunsiderazzjonijiet ġenerali

1. Determinazzjoni ta' "relazzjoni stabbilita li tagħmel il-prelevament ferm improbabli"

Depożitu fil-livell ta' konsumatur għandu jitqies bħala parti minn relazzjoni stabbilita għal fini ta' rapportar tal-likwidità skont xenarju kkombinat ta' stress idjosinkratiku u fis-suq kollu meta d-depożitatur jissodisfa mill-anqas wieħed mill-kriterji li ġejjin:

- (a) ikollu relazzjoni kuntrattwali attiva mal-istituzzjoni ta' tul minimu,
- (b) ikollu relazzjoni ta' self mal-istituzzjoni għal self ipotekarju jew self fuq terminu twil ieħor, jew
- (c) ikollu numru minimu ta' prodotti attivi, minbarra self, mal-istituzzjoni.

2. Determinazzjoni ta' "kont ta' transazzjoni, inklużi kontijiet li fihom jiġu kkreditati salarji b'mod regolari"

Depożitu fil-livell ta' konsumatur għandu jitqies miżmum f'kont ta' transazzjoni meta salarji, introjtu jew transazzjonijiet jiġu kkreditati jew iddebitati b'mod regolari rispettivament f'dak il-kont.

3. Għaż-żewġ kunsiderazzjonijiet fil-paragrafu 1 u 2 ta' dan it-Titolu II, il-Parti 1, l-istituzzjonijiet għandu jkollhom dejta storika disponibbli, inkluż dwar imġiba tad-depożitaturi, biex tiġi ssostanzjata l-klassifikazzjoni tad-depożiti tagħhom.

4. Metodoloġija għall-identifikazzjoni ta' prodotti ta' depożitu fil-livell ta' konsumatur soġġetti għal flussi 'l barra ogħla

- 4.1. Id-depożiti fil-livell ta' konsumatur għandhom jinġabru fi tliet taqsimiet ta' depożiti soġġetti għal flussi 'l barra ogħla fuq il-bażi tan-numru u l-livell ta' riskju ta' fatturi ta' riskju li jiffaċċjaw, fost dawk deskritti fil-Parti 2 tal-Linji Gwida hawn taħt. Madankollu, il-lista ta' fatturi pprovduta fiha mhix eżawrjenti u l-istituzzjonijiet li jidentifikaw kriterji addizzjonali li jwasslu għal flussi 'l barra ogħla għandhom jinkludu dawn fl-analiżi tagħhom.
- 4.2. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw, għal fini tar-rapportar tal-likwidità, il-flussi 'l barra ogħla xierqa għal kull waħda minn dawn it-taqsimiet skont il-Parti 3 tal-Linji Gwida hawn taħt.

Parti 2 – Fatturi li jaffettwaw l-istabbiltà ta' prodotti ta' depożitu fil-livell ta' konsumatur

5. Il-valur tad-depożitu fil-livell ta' konsumatur

- 5.1. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu bħala depożiti ta' valur għoli dawk li jissodisfaw ir-rekwiżiti kollha li ġejjin:
- (a) jaqbżu l-aktar ammont baxx miż-żewġ ammonti li ġejjin:
 - (i) EUR 100 000 jew
 - (ii) l-ammont tal-iskema ta' garanzija tad-depożiti lokali
 - (a) ikunu anqas minn EUR 500 000.
- 5.2. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu bħala depożiti ta' valur għoli ħafna dawk ta' mill-anqas EUR 500 000.
- 5.3. Għall-fini ta' kalkolu tal-valur ta' depożiti ta' klijent, l-istituzzjonijiet għandhom jinkludu fil-kalkolu l-kontijiet ta' depożitu kollha tal-klijent f'dik l-istituzzjoni.
- 5.4. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet għandhom iwettqu analiżi ta' konċentrazzjoni tal-bażi ta' depożitu tagħhom; jeħtieġ li jiġu introdotti limiti xierqa u/jew limiti biex jiġu definiti depożiti fil-livell ta' konsumatur ta' valur għoli għal fini interni.
- 5.5. Hemm numru ta' metodi li jistgħu jintużaw għall-identifikazzjoni tal-konċentrazzjoni tal-bażi ta' depożitu. Pereżempju, l-istituzzjonijiet jistgħu jidentifikaw "ċertu numru" ta' depożiti fil-livell ta' konsumatur kbar jew jidentifikaw "in-numru tal-akbar depożiti fil-livell ta' konsumatur" li jirrappreżentaw ċertu perċentwali tal-bażi ta' depożitu fil-livell ta' konsumatur. Biex jiġu identifikati depożiti fil-livell ta' konsumatur ta' valur għoli, l-istituzzjonijiet jistgħu jużaw limiti mfassla b'mod speċifiku għas-suq lokali għall-ammont ta' garanzija tad-depożiti, l-ammont li fuqu tiġi nnegożjata r-rata tal-imgħax jew jiġi miftiehem kwalunkwe arranġament speċjali mad-depożitatur li jista' jillimita r-riskji ta' flussi 'l barra.

6. Prodotti li huma mmexxija minn rata jew għandhom kundizzjonijiet preferenzjali

- 6.1. Depożitu għandu jitqies immexxi minn rata meta istituzzjoni toffri rata tal-imgħax:

- (a) li taqbeż b'mod sinifikanti r-rata medja għal prodotti fil-livell ta' konsumatur simili offruti minn pari tagħha, minħabba l-ispeċifitàjiet tas-suq tad-depożitu lokali,
- (b) jew li r-ritorn tagħha huwa dderivat mir-ritorn fuq indiċi tas-suq jew sett ta' indiċi,
- (c) jew li r-ritorn tagħha huwa dderivat minn kwalunkwe varjabbli tas-suq minbarra r-rata tal-imgħax varjabbli.

6.2. L-istituzzjonijiet jistgħu jidentifikaw prodotti "mmexxija minn rata" billi jikkomparaw ir-rata li tapplika għal kull depożitu mal-medja mħallsa mill-pari tagħhom għal prodotti simili. It-terminu "pari" jirreferi għal istituzzjonijiet b'mudell u daqs tan-negozju komparabbli, li jkun definit mill-istituzzjoni u vverifikat mill-awtorità kompetenti jekk jitqies neċessarju.

7. **Depożiti fuq terminu fiss maturati jew b'perjodu ta' notifika**

7.1. Id-depożiti li għandhom jitqiesu li jaqgħu f'din il-kategorija huma:

- (a) depożiti oriġinarjament ikklassifikati bħala ta' terminu fiss bi skadenza ta' maturità fi żmien perjodu ta' 30 ġurnata jew
- (b) depożiti b'perjodi ta' notifika fissi ta' anqas minn 30 ġurnata, skont l-arranġamenti kuntrattwali, minbarra dawk li jikkwalifikaw għat-trattament previst fl-Artikolu 421(5).

7.2. Fil-valutazzjoni tal-flussi 'l barra tad-depożitu fil-livell ta' konsumatur, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-impatt:

- (a) tal-limiti ta' prelevamenti jew tal-perjodi ta' notifika;
- (b) tal-kost tal-prelevazzjoni għal prodotti ta' depożitu fil-livell ta' konsumatur li jistgħu jintemmu b'mod legali qabel id-data ta' maturità oriġinali tagħhom.
- (c) tal-konsegwenza, fuq ir-reputazzjoni tal-istituzzjoni, li ma jigħux permessi prelevamenti ta' depożitu, fejn l-istituzzjonijiet ikunu żviluppaw prattika li tippermetti tiffidja bikrija ta' tali prodotti ta' depożitu.

8. **Kanali ta' distribuzzjoni ta' riskju għoli, inklużi banek b'aċċess mill-internet biss, forom oħra ta' aċċess mill-bogħod u depożiti intermedjarji**

L-istituzzjonijiet għandhom jallokaw depożiti fil-livell ta' konsumatur aċċessati permezz ta' kanali ta' distribuzzjoni ta' riskju għoli bħal banek b'aċċess mill-internet biss, forom oħra ta' aċċess mill-bogħod u depożiti intermedjarji (fejn is-sensara jigħbru fondi minn persuna naturali jew SME) għal flussi 'l barra oġġla, filwaqt li jqisu dan li ġej:

- (a) limiti kuntrattwali eżistenti plawżibbli għall-prelevamenti;
- (b) il-konsegwenza, għar-reputazzjoni tal-istituzzjoni, li ma jigħux permessi prelevamenti ta' depożitu, fejn l-istituzzjonijiet ikunu żviluppaw prattika li tippermetti livelli ta' tiffidja oġġla għal dawn il-prodotti.

9. **Il-munita tad-depożiti**

L-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu distinzjoni bejn depożiti fil-livell ta' konsumatur iddenominati b'munita lokali u barranija.

10. Depożiti minn persuni mhux residenti

L-istituzzjonijiet għandhom jagħmlu distinzjoni bejn depożiti fil-livell ta' konsumatur minn residenti u minn persuni mhux residenti. Din id-distinzjoni għandha tiġi definita f'termini ta' depożiti minn resident mhux tal-UE u minn resident tal-UE fir-rigward tad-depożiti ma' istituzzjonijiet li l-kwartieri ġenerali tagħhom huma bbażati fl-UE. Id-definizzjoni ta' "residenza" għall-fini ta' rekwiżiti ta' kopertura tal-likwidità għandha ssegwi b'mod ġenerali d-definizzjoni statistika jew tat-taxxa applikabbli.

L-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw ir-residenza tad-depożitatur fil-livell ta' entità unika.

11. Depożiti marbuta mal-prodott

L-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw prodotti ta' depożitu fil-livell ta' konsumatur b'rabtiet ma' fatturi oħra li jistgħu jinbidlu matul il-perjodu ta' 30 ġurnata u jirriżultaw f'riskju ta' fluss 'il barra oġġla.

12. Karatteristiċi oħra

12.1. L-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-bażi tad-depożitu fil-livell ta' konsumatur tagħhom biex jidentifikaw kwalunkwe karatteristika oħra li tindika jew li tista' tindika tip ta' depożitu fil-livell ta' konsumatur b'rati ta' fluss 'il barra oġġla minn dawk speċifikati fl-Artikolu 421(1) u (2) CRR. L-identifikazzjoni ta' karatteristiċi oħra jew in-nuqqas tagħhom għandhom jiġu ddokumentati.

12.2. Sabiex jiġu identifikati tali karatteristiċi, l-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw l-istabbiltà/il-volatilità osservata (storika) u mistennija għall-prodotti speċifiċi ta' depożitu fil-livell ta' konsumatur offruti u jidentifikaw tipi ta' prodotti li taw prova, jew li huma maħsuba li jistgħu jagħtu prova, li mhumiex stabbli.

12.3. Għal din il-fini, l-istituzzjonijiet għandhom iwettqu xenarju ta' test tal-istress li jassumi avveniment serju kkombinat idjosinkratiku u fis-suq kollu. Il-mudelli statistiċi u matematiċi interni jistgħu jintużaw biex jivvalutaw il-volatilità ta' prodotti ta' depożitu fil-livell ta' konsumatur. L-inputs għal dawn il-metodi għandhom jinkludu b'mod ġenerali dejta li ġeja minn imġiba tal-passat tad-depożiti u minn suppożizzjonijiet ipotetiċi bbażati fuq xenarji tal-istress.

12.4. L-istituzzjonijiet żgħar u anqas sofistikati jistgħu jużaw metodi ssimplifikati bbażati fuq mudelli statistiċi, bħal mudelli li jidentifikaw it-tnaqqis massimu osservat f'perjodu ta' 30 ġurnata għal depożitu partikolari f'perjodu partikolari inkluż perjodu ta' tensjoni.

12.5. L-użu ta' ġudizzju espert huwa inkoraġġut sabiex jiġu inklużi fatturi li ma jkunux ġew meqjusa minn mudell, b'mod speċjali fil-każ ta' prodotti innovattivi mingħajr storja twila.

12.6. Klassifikazzjoni ta' prodotti ta' depożitu fil-livell ta' konsumatur f'termini ta' volatilità jew volatilità pperċeputa tkun għodda utli ħafna fl-analiżi. Din tassisti f'implimentazzjoni konsistenti fil-prodotti kollha ta' depożitu fil-livell ta' konsumatur tal-istituzzjoni. It-tqabbil tar-riżultati miksuba għal prodotti differenti u l-identifikazzjoni ta' anomaliji jistgħu jgħinu fl-identifikazzjoni ta' depożiti anqas stabbli.

12.7. Is-suppożizzjonijiet li jsejsu dawn il-metodi għandhom jinkludu tbassir ta' 30 ġurnata u jkunu eżaminati b'mod frekwenti, b'mod partikolari biex jaqdbu kwalunkwe bidla materjali fil-kundizzjonijiet tas-suq. Barra minn hekk, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu korrelazzjoni, effetti ta' kontaġġu u effetti staġjonali biex itejbu l-kwalità ta' din il-valutazzjoni.

Parti 3

13. Determinazzjoni ta' flussi 'l barra oġġla

13.1. L-istituzzjonijiet għandhom japplikaw il-metodoloġija li ġejja biex jikklassifikaw id-depożiti soġġetti għal flussi 'l barra oġġla:

13.2. Il-fatturi deskritti hawn fuq fil-Parti 2 ta' dawn il-Linji Gwida għandhom jinqasmu f'żewġ kategoriji:

- (a) Riskju Għoli, li jinkludi l-fatturi ta' riskju li ġejjin:
 - (i) il-munita tad-depożiti;
 - (ii) depożiti marbuta mal-prodott;
 - (iii) prodotti li huma mmexxija minn rata jew għandhom kundizzjonijiet preferenzjali;
 - (iv) kanali ta' distribuzzjoni ta' riskju għoli, inklużi aċċess mill-Internet biss u depożiti intermedjarji;
 - (v) depożiti ta' valur għoli;
 - (vi) karatteristiċi oħra li l-istituzzjoni tqis li huma ta' riskju għoli skont il-paragrafu 13 tal-Linji Gwida hawn fuq.
- (b) Riskju Għoli Ħafna, li jinkludi l-fatturi ta' riskju li ġejjin:
 - (i) depożiti fuq terminu fiss maturati jew b'perjodu ta' notifika;
 - (ii) depożiti minn persuni mhux residenti;
 - (iii) valur għoli ħafna tad-depożitu.

13.3. L-istituzzjonijiet għandhom jivvalutaw depożiti fil-livell ta' konsumatur fir-rigward tas-sett ta' fatturi deskritti hawn fuq.

13.4. L-istituzzjonijiet għandhom jallokaw depożiti fil-livell ta' konsumatur lil waħda mit-tliet taqsimiet ikklassifikati li ġejjin, definiti fuq il-bażi tan-numru ta' fatturi ta' riskju attribwiti lid-depożitu sottostanti:

- (a) depożiti b'żewġ fatturi mill-kategorija 1;
- (b) depożiti bi tliet fatturi mill-kategorija 1, jew b'fatur wieħed mill-kategorija 1 u fattur wieħed minn kategorija 2;

- (c) depożiti b'żewġ fatturi mill-kategorija 2, jew b'żewġ fatturi mill-kategorija 1 u fattur wieħed mill-kategorija 2, jew bi kwalunkwe taħlita oħra ta' fatturi.

13.5. L-istituzzjonijiet għandhom jikkalkolaw ir-rati korrispondenti tal-fluss 'il barra oġġla għal kull taqsima skont il-valutazzjoni ta' volatilità storika u mistennija.

Titolu III – Dispożizzjonijiet finali u implimentazzjoni

14. Data tal-applikazzjoni

L-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jimplementaw dawn il-Linji Gwida billi jinkorporawhom fil-proċeduri superviżorji tagħhom fi żmien tliet xhur mill-pubblikazzjoni. Wara, l-awtoritajiet nazzjonali kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jikkonformaw magħhom b'mod effettiv.